**17 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Vincent Camenzuli et.

**Ksur tal-Paċi Pubblika — Art. 6(1) (a) (b) tal-Ordinanza tal-Emerġenza Nru. I tal-1958.**

*L-Ordinanza tal-Emerġenza Nru. I tal-1958 televa għal reat l-att ta' min iġib ruħu b'mod li għandu mnejn iġib ksur tal-paċi pubblika.*

*Dan l-att ma għandux jiġi kunsidrat indipendentement miċ-ċirkustanzi ambjentali tal-każ. L-att għandu jiġi valutat fil-kwadru taċ-ċirkustanzi konkominati. U hu biżżejjed li l-imputat ikun għamel xi att li fih innifsu, f'dawk iċ-ċirkustanzi, ikollu l-potenzjalità ta' dak l-effett; mingħajr ma hi rikjesta l-intenzjoni speċifika da parti tal-imputat li jikser il-paċi.*

*Min jagħmel xi att li potenzjalment jista' jġib diżordni f'mument ta' eċċitament ta' folla, jagħmlu għar-riskju tiegħu; għaliex l-istess att għandu jitqies, mhux iżolatament, imma fuq l-isfond tal-folla u tal-konsegwenzi li jistgħu jidderivaw minħabba l-folla.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni kontra dawn l-imputati, ċjoè Joseph Cardona u Frank sive Francis Bugeja u oħrajn, talli ġo l-Furjana fl-ewwel ta' Novembru 1960, bejn 12.15 p.m. u 12.45 p.m., ġiebu ruħhom b'mod li kellu mnejn iġib ksur tal-paċi, heddew lil ħadd ieħor bil-ġebel jew ħaġ'oħra, tkun xi tkun, u waddbu l-istess kontra ħadd ieħor;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-18 ta' Frar 1961, li biha, wara li rat, dwar l-imputat Joseph Cardona, l-art. 6(1)(b) tal-Ordinanza nru I. tal-1958 sabitu ħati, ċjoè talli ġieb ruħu b'mod li għandu mnejn iġib ksur tal-paċi, u kkundannatu £15, u wara li rat, dwar l-imputat Frank sive Francis Bugeja, l-

art. 6(1) (a) tal-Ordinanza nru. I tal-1958 sabitu ħati, ċjoè talli waddab ġebel kontra ħadd ieħor, u hedded lil ħadd ieħor bil-ġebel, u kkundannatu xahar priġunerija;

Rat ir-rikors tal-imputat Joseph Cardona, li bih appella u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Rat ir-rikors tal-imputat Frank sive Francis Bugeja, li bih appella u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-appellant Cardona;

It-tesi ta' dan l-appellant hi li hu ma għamelx ħaġ'oħra ħlief irrikjama l-attenzjoni tal-Ispettur Theuma għall-fatt li t-tifel li dan kien qabad, William Sammut, ma kienx xeħet ġebel, u li hu kien pront jitla' xhud fuq daqshekk;

Qabel xejn, l-aġir ta' dan l-appellant ma kienx daqstant semplici. Għalkemm hu veru li hu ndirizza ruħu lill-Ispettur fuq it-tifel f'dak is-sens, ma hux ugwalment veru li hu llimita ruħu li jgħidlu hekk biss, imma l-verità hija li hu nsista u ried li l-Ispettur jitlaq it-tifel (ara xhieda tal-Ispettur Theuma u ta' Joseph Brincat). L-istess appellant, fix-xhieda tiegħu, jammetti wkoll li seta' ta l-każ li dak il-kliem hu qalhom darbtejn lill-Ispettur. Ċert hu li dan ma kienx xi intervent fugaċi; għaliex it-tifel stess implikat fl-inċident qal li Cardona dam ikellem lill-Ispettur xi sebgħa jew għaxar minuti, Brincat qal li dam ikellmu għaxar minuti, Friggieri xehed li dam ikellmu ħames minuti ċirka, Micallef qal xi sebgħa minuti u Carmelo Vassallo xi erbgħa minuti. L-istess appellant wara li pprova jispjega l-għaliex lill-Maġistrat in prima istanza kien qallu li kien dam ikellem lill-Ispettur għaxar minuti, qal issa li kien dam xi tliet minuti. Hu ċar li, kieku l-intervent kien verament limitat għall-kliem "Dak ma għamel xejn, itilqu, nitlagħlu xhud", u xejn aktar, l-inċident appena kien jieħu nofs mi-

nuta, u ċert ma kienx jimpressjona lix-xhieda msemmija b'dak iż-żmien *itwal li huma semmew fix-xhieda tagħhom;*

Iżda, dak li hu d-difett fondamentali u radikali taddifiża ta' dan l-appellant hu illi d-difiża qegħedha tipprexxindi miċ-ċirkustanzi ambjentali tal-każ. Xejn ċertament ma kien ikun fiha, anzi kien ikun att ta' ġustizzja, kieku l-appellant Cardona informa lill-Ispettur, f'ċirkustanzi oħra, li t-tifel Sammut ma kienx tafa' ġebel, u li hu kien lest jitlagħlu xhud. Imma l-Qorti ġudikatriċi ma tistgħax tistakka l-fatt, *sija pure mhux tant sempliċistiku kif ried* ipinġieh dan l-appellant, mill-kontest tal-kumpless taċ-ċirkustanzi li fih ivverifika ruħu, u ma tistgħax tivvalutah iżolatament, mingħajr ma tiżnatura l-apprezzament ġuridiku tal-imputazzjoni. Hu fatt li dak il-mument kien qiegħed jibda jiddelinea ruħu storbju ta' ċerta gravità bejn il-partitarji tat-team tal-Belt u dawk tal-Furjana; tant li l-Pulizija kienet ħadet prekawzjonijiet speċjali dwar iddevjament tal-karrozzi li kienu qegħdin iġibu lura millfootball ground il-partitarji tal-Belt. Anzi l-istorbju kien ġa beda meta waslet van, *ftit il-fuq mill-każin tal-Furjana*, u beda jinxteħet il-ġebel. L-Ispettur Theuma, li kien avverta l-aspett minaċċjus tas-sitwazzjoni, kien diġà bagħat jitlob assistenza, lis-Suprintendent. L-appellant Cardona jippretendi li dak il-ħin kienu biss hu u, al pjù, tnejn oħra, mal-Ispettur, u xi xhieda tiegħu qalu wkoll dan; imma hu ċar li din kienet ekonomija tal-verità; l-għaliex, għalkemm hu veru li f'ċertu waqt, fil-viċinanzi immedjati tal-Ispettur u quddiemu kien hemm dan l-appellant u tnejn oħra, però wara l-Ispettur kien hemm xi għoxrin oħra, li mbagħad bdew *jimmaltrattaw lill-Ispettur*, kif xehed dan, konfermat mix-xhud Ciantar u mixxhud Mercieca. Ix-xhud Zammit jippreċiża l-inċident ferm verosimilment, meta qal li għall-ewwel ma kienx hemm nies, u mbagħad inġabru. U dan hu propriju l-aspett li jikkonduċi għas-soluzzjoni tal-każ;

Dan l-appellant instab ħati tar-reat taħt l-art. 6(1) (b) tal-Ordinanza Nru. I tal-1958. Dan l-artikolu jeleva għal reat l-att ta' min iġib ruħu b'mod li għandu mnejn iġib ksur tal-paċi. Issa, *kieku kien hemm mument li fih*

dan l-appellant ma messux mar fuq l-Ispettur, u ma messux insista li dan jitlaq it-tifel li kien qiegħed iżomm, kien propriju dak il-mument, li fih is-sitwazzjoni kienet qegħdha ssir minaċċjuża, il-folla kienet qegħdha tinġabar, u l-ġebel kienu bdew jinxteħtu; għaliex hi ħaġa ovvja li f'ċirkustanzi simili, anki att li per sè ma hux ta' gravità, jista' jaggrava u jippeġġjora s-sitwazzjoni. Dawk li kienu fil-folla, anki talvolta mhux proprju fejn l-Ispettur u l-appellant Cardona, u li forsi, bħal l-appellant Cardona deħrilhom li dak it-tifel ma kienx imissu ġie miżmum. setgħu jikkostruwixxu l-intervent ta' Cardona mod tagħhom, u jħossuhom ostili għall-Ispettur, u b'dan il-mod dak l-intervent f'dawk iċ-ċirkustanzi, kiber;

L-Ispettur Theuma jiddeskrivi l-inċident grafikament meta jgħid:— "Ġie quddiemi bil-persuna tiegħu, ma ħallinix nimxi, jiena għidtlu li dak it-tifel qiegħed f'idejja u jiena responsabbli tiegħu, għidtlu li sejjer nieħdu l-Għassa. Huwa qalli 'dak ma għamel xejn, itilqu'. Kien hemm tnejn oħra li kienu qegħdin jagħmlu l-istess ħaġa; jiena kelli tlieta minn nies quddiemi. Jiena ma stajx nimxi bihom, u warajja kien hemm xi għoxrin ruħ oħra. Bdew jiġbdu t-tifel minn idejja, bdew jagħtuni daqqiet fuq dahri, laqtuni fuq il-berritta darbtejn, u għanduli żewġ gundalli......". It-tifel William Sammut jgħid li l-appellant Cardona qal lill-Ispettur biex jitilqu, u li dam jgħidlu hekk xi sebgħa minuti, jew anki għaxra. Ciantar, għad li ma identifikax lill-appellant Cardona jgħid però li ħafna nies marru fuq l-Ispettur in konnessjoni mat-tifel;

Kulħadd jaf b'dak il-fenomenu psikoloġiku li l-iskrittur Bocca sejjaħ "la folla delinquente". Enrico Altavilla, fit-trattat tiegħu "La Psicologia Giudiziaria", paġ. 372. jgħid:— "Gli studi del Sighele, dell'Aubry, del Tardè, ed altri scienziati, ci hanno illustrato quel complesso fenomeno che è la psicologia della folla in rapporto alla delinquenza...... E' un fenomeno degno di osservazione; nella folla si stabilisce come un insieme psicologico; ci sono delle correnti che l'attraversano, travolgendo l'esattezza delle sue percezioni, delle sue opinioni";

Dan ġara f'dan il-każ. Il-folla, sija pure f'ċertu mument mhux imdawra mal-Ispettur, u mbegħda minn Cardona, interpretat evidentement bħala att mhux sewwa li l-Ispettur żamm it-tifel, avvolja l-verità kienet li lill-Ispettur kienu ġew indikati x-xhieda li allegaw li kienu raw lil dak it-tifel jixħet il-ġebel, u għalhekk l-Ispettur kien ġustifikat li almenu jiddetjeni provviżorjament it-tifel biex jinvestiga l-każ, u anki biex jagħti protezzjoni lill-istess tifel fil-każ li l-akkużaturi tiegħu jassaltawħ. Meta rat lill-appellant Cardona jinsisti mal-Ispettur, sija pure mhux b'mod vjolent jew prepotenti, il-folla kkonfermat il-fehma żbaljata tagħha u aggrediet l-Ispettur;

Ikompli jgħid l-awtur ċitat:— "E quando poi una folla è turbata da uno di quegli stati emotivi, nei quali scoppia formidabile una raffica sanguinaria, ancora più facile è l'equivoco" (paġ. 373);

Enrico Ferri, fit-trattat tiegħu "Difese Penali", Vol. I, paġ. 130, jgħid, opportunament, li fatt simili "...... non è un fatto unico e isolato, come può essere il fatto di un individuo che per sè compie tale o tal'altra azione, ma essa invece non è che l'episodio di una condizione generale di animi......";

U jkompli jgħid li imputazzjoni simili "...... voi non potete divellere dalle radici generali ond'essa è spuntata, se pur volete giudicarla giustamente, cioè umanamente";

Dik il-ġemgħa ta' nies li marret in segwitu fuq l-Ispettur Theuma kienet folla kif isejħilha l-Ferri (loc. ċit.), "tumultuante"; tant li, x'ħin lemħet l-avversarji fuq il-fossos, marret hemm, u beda ġlied ta' gravità mhux traskurabbli;

L-att ta' dan l-imputat, għalhekk, kien att li seta' jġib, u fil-fatt ġieb, "a breach of the peace"; għaliex b'dik l-inġerenza tiegħu barra minn waqtha l-imputat, anki jekk ma kellux l-intenzjoni li jagħmel hekk, ġieb li l-folla infjammat ruħha u aggrediet lill-Ispettur. Il-liġi ma tirrikjedix l-intenzjoni speċifika da parti tal-imputat li jikser il-paċi, u trid biss li l-att tiegħu jkun jista' jġib għal "breach of

the peace". S'intendi, l-att valutat mhux iżolatament, imma fil-kwadru taċ-ċirkustanzi konkomitanti. Biżżejjed li l-imputat ta' reat s mili jkun għamel xi att li fih innifsu, fiċ-ċirkustanzi konkomitanti, ikollu l-potenzjalità ta' dak l-effett. Hekk, fil-każ "R. vs. Little & Dunning", ex parte *Wise (1910), 74 J.P. 7, fejn:— "Wise was a Protestant* preacher. He announced his intention to lead his Bible class through certain streets in Liverpool. Provided he caused no obstruction, this was a perfectly lawful act. The streets through which he proposed to march, however, were in the Roman Catholic quarter; and it was reasonably feared that the Roman Catholics would regard that afternoon's excursion as a challenge and a provocation. It was held that a breach of the peace might reasonably be feared......";

Għalhekk, dan l-appellant ma jistgħax jadduċi in difiża li huwa għamel dak li għamel bi skop tajjeb. Wieħed *għandu jħares lejn l-att tiegħu fuq l-isfond ta' dak li kien* qiegħed jiżvolġi ruħu, u seta' jiżviluppa ruħu, f'dak il-frangent. Cardona seta', kieku ried jagħmel att mhux riprovevoli, jistenna sakemm kien ikun jista' jkellem lill-Ispettur Theuma jew xi uffiċjal ieħor tal-Pulizija f'mument ieħor aktar opportun. Evidentement, anki hu kien trasportat bl-emozzjoni tal-folla u aġixxa imprudentement. Meta l-Qorti tiġi biex tqies inċident simili, li fihom uffiċjal *tal-Pulizija* jkun qiegħed jaqdi dmiru b'kuraġġ u b'perikolu personali, għandha tħares lejn il-każ mhux fl-ambjent paċifiku tad-diskussjoni forensi, imma għandha titrasporta ruħha fiċ-ċirkustanzi tal-mument li fih ikun ġara l-każ;

*Għalhekk, l-appell ta' dan l-imputat ma jirnexxix;*

Dwar l-appellant Bugeja;

Ix-xhud kuntistabbli Borg qal li ra lil dan l-appellant iwaddab ġebla fuq karrozza li kienet għaddejja. Dak il-ħin kien in-naħa tal-każin *tal-Furjana.* Ix-xhud Sultana, li kien *fil-karrozza,* ra wkoll lill-appellant *Bugeja iwaddab* ġebla fuq il-karrozza. Fl-istess ħin hu sama' lil Bugeja jgħajjat "Tuhom!". Bugeja kien bejn it-teatru Comet u

l-każin, u hemm kien hemm in-nies. Infatti, l-ewwel fażi tal-istorbju, li wara ddilaga ruħu, bdiet dawk in-naħħiet;

L-appellant Bugeja ċaħad li hu xeħet ġebel. Il-kuntistabbli Xuereb qal li hu ma rax lil Bugeja jwaddab ġebel, iżda dan ix-xhud kien qiegħed jirriferixxi evidentement għal stadju ieħor; infatti, dak il-ħin Bugeja kien fi Strada Sant'Anna. Ix-xhieda Giuseppina Mercieca u t-tifel tagħha, Charles Mercieca, ma jimmeritawx kredenza...... Ix-xhieda ta' Giuseppina Mercieca kienet, jekk wieħed jiġġudika, kif għandu jiġġudika, mill-komportament tagħha waqt li xehdet, mill-aktar insodd'sfaċenti, apparti li hu stran li din il-mara...... Ugwalment insoddisfaċenti kienet ix-xhieda ta' binha, Charles Mercieca, għal dak li kien id-"demeanour" tiegħu bħala xhud. Barra minn hekk, hu u ommu ma qablux dwar jekk magħhom kienx hemm oħtu jew le......;;

Għalhekk din il-Qorti, bħal dik tal-Ewwel Grad, tipprop endi biex temmen, u fil-fatt qegħdha temmen, lill-kuntistabbli Borg u lix-xhud Sultana;

Ma hemmx bżonn jingħad, għax hu ħaġa ovvja, li l-fatt tat-tħeġġ tal-ġebla u l-għajta "Tuhom!" huma attijiet li jistgħu jġibu "a breach of the peace". Partikolarment hi gravi l-għajta "Tuhom!" f'dawk iċ-ċirkustanzi ta' folla riskaldata bil-passjoni tal-ġlied. Għajta simili tista' ġġib konsegwenzi rovinużi. L-awtur franċiż Delboeuf, fil-ktieb tiegħu "Crimes de Foules" (ara Journal de Liege 12 Ott. 1892), fost il-każisitika minnu esposta, jinkludi l-każ ta' wieħed turista, li kien għadu kemm wasal fil-belt ta' Liege, u kien għaddej għal affarieh. Kumbinazzjoni, hu għadda minn fejn kien għad kemm kien hemm esplożjoni ta' dinamite, u kien hemm miġbura folla ostili għall-awtur mhux magħruf tal-esplożjoni. F'daqqa waħda wieħed mill-folla fettillu joħroġ b'għajta ostili għal dak l-imsejken turista; il-folla immedjatament ikkonkludiet li kien hu l-awtur, u assaltatu b'eżitu fatali;

Għalhekk hu korrett li wieħed jgħid li dak li jagħżel li jagħmel xi att li potenzjalment jista' jġib diżordni, f'mument ta' eċċitament ta' folla, jagħmel għar-riskju tiegħu;

għaliex l-istess att jiġi meqjus mhux iżolatament, iżda fuq l-isfond tal-folla u tal-konsegwenzi li jistgħu jidderivaw minħabba l-folla. Hija ferm u ferm diversa l-gravità tal-att li fih wieħed jikkwistjona mal-Pulizija f'ċirkustanzi ambjentali paċifiċi, ossija jixħet ġebla lejn individwu u individwu, u dik ta' att simili kommess meta tkun f'dawk l-attijiet interessata folla jew tumultwanti "actu", jew li tkun minaċċjożament eċċitata u pronta tirreaġixxi ostilment. U f'dan is-sens għandhom jiġu rettament rigwardati l-attijiet taż-żewġ appellanti;

Kwantu għall-piena restrittiva tal-libertà personali irrogata mill-Ewwel Qorti lill-appellant Bugeja, din il-Qorti rrifflettiet fuqha, u sabet li ma hemm xejn fiha li jista' jiġi kunsidrat oppressiv. Infatti, l-imputat Bugeja, akond il-fedina penali fol. 23 hu bniedem li minn mindu kellu 21 sena qiegħed jikser il-liġi proprju fil-mod vjolent li emerġa wkoll f'din il-kawża. Is-sitt kundanni li kellu kienu dejjem ta' reati li juru disgrazzjatament din it-tendenza għall-istorbju, kliem oxxen, insulti, u vjolenza kollettiva;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tirrespinġi ż-żewġ appelli u tikkonferma, fil-konfront taż-żewġ appellanti, is-sentenza appellata.